TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 19/11

**Helen Pace**

**vs**

**A sa Z TV Shopping**

Illum 30 t'Awwissu, 2012.

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mija u ħamsa u disgħin ewro (€195), rappreżentanti prezz ta' *table centre* li kien difettuż minħabba l-fatt illi ċ-ċentru tal-ħġieġ inkiser mill-ewwel.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas ateenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *table centre* għall-prezz ta' mija u ħamsa u disgħin ewro (€195), u li wara li poġġiet ċentru fuqu, dana nkiser.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta u għalhekk ma kkontestax din it-talba.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jikkonsidra li l-verżjoni tagħha hija kredibli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija u ħamsa u disgħin ewro (€195), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888